**Illum għad-difna**

Għażiża ommi
Illum il-ġisem tiegħek,
Se jingħata 'l art.
Bid-dmugħ f'għajnejja
Se nsellimlek minn qalbi,
U nsemmik f'talbi.

Ommi Marija
Tinkwetax iżjed, int strieħ,
F'Alla li fdajt fih.
Għaliex mis-sema
Fejn inti qed tithenna,
Miegħu fil-ġenna;
Int qed tarana
U qed titlob għalina,
Ħalli jifdina.

Ġesù li ħabbejt
Lilu qatt inti ma nsejt,
Anki met'għajjejt.
Mà, issa biss strieħ
U aħdem xogħol nissieġ,
Fil-grazzja jintħieġ.
Isa, wisq itlob
Ħalli jinfetħu tant qlub,
Għal qalb il-Maħbub.

Li int qiegħdha ħdejh
Iħarsek bħal ħbub għajnejh,
Bil-qawwa f'idejh.
Għidlu nitolbok
Jitfagħha b'ħafna qawwa,
Fuq dil-miġemgħa.

Ruxmata grazzji
Irid jagħtina Kristu,
Ejja nirsistu.
Nilqgħuhom ikoll
Ħa nfiequ u nitqaddsu,
B'demmu lilna jħoll.

Dan kollu jiġri
Anki jekk lilek tlifna,
Illum għad-difna.

Patri Mario Attard OFM Cap

25 ta’ Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.